



Stampa u Informazzjoni

Koen Lenaerts elett mill-ġdid President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Wara t-tibdil parzjali tal-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja¹, Koen Lenaerts ġie elett mill-ġdid, mill-Membri l-oħra tal-Qorti tal-Ġustizzja, illum stess, bħala President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għall-perijodu bejn id-9 ta' Ottubru 2018 u s-6 ta' Ottubru 2021.

Curriculum vitae ta' Koen Lenaerts

imwieled fl-1945; gradwat u dottorat fid-dritt (Katholieke Universiteit Leuven); Master of Laws, Master in Public Administration (Harvard University); assistent professor (1979-1983) u sussegwentement professor tad-dritt Ewropew fil-Katholieke Universiteit Leuven (mill-1983); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja (1984-1985); professor fil-Collège d'Europe ta' Bruges (1984-1989); membru tal-Avukatura ta' Brussell (1986-1989); visiting professor fil-Harvard Law School (1989); Imħallaf fil-Qorti tal-Prim'Istanza mill-25 ta' Settembru 1989 sas-6 ta' Ottubru 2003; Imħallaf fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003; Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja mid-9 ta' Ottubru 2012 sas-7 ta' Ottubru 2015; President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mit-8 ta' Ottubru 2015.

Kuntatt għall-istampa: ☎ (+352) 4303 3355

¹ Ara l-Istqarrija għall-istampa Nru [150/18](#) tat-8 ta' Ottubru 2018.